# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta

## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

11.699] | It-Tlieta, 20 ta' Ottubru, 1964 / *Tuesday, 20th October, 1964* | [Prezz 6d. / *Price 6d.*


## NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

[Nru. 561]

L-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali

NGĦARRFU, għall-informazzjoni ta' kulħadd, illi l-Eċċellenza Tiegħu Sir Maurice Dorman, G.C.M.G., G.C.V.O., irritorna Malta fis-16 ta' Ottubru, 1964, u reġa' daħal għad-doveri tiegħu fil-kariga ta' Gvernatur-Ġenerali.

L-Unur Tiegħu l-Professur Sir Anthony Joseph Mamo, Kt., O.B.E., Q.C., LL.D., B.A., ma baqax jaġixxi bħala Gvernatur-Ġenerali minn mindu l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali wasal lura Malta.

Is-17 ta' Ottubru, 1964.

[Nru. 562]

**Att ta' l-1964 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2)**

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi Att Nru. XV ta' l-1964 imsejjaħ l-Att ta' l-1964 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Emenda Nru. 2) huwa ippubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta.

Il-20 ta' Ottubru, 1964.

## GOVERNMENT NOTICES

[No. 561]

His Excellency The Governor-General

IT IS NOTIFIED, for general information, that His Excellency Sir Maurice Dorman, G.C.M.G., G.C.V.O., returned to Malta on the 16th October, 1964, and has resumed the functions of the office of Governor-General.

His Honour Professor Sir Anthony Joseph Mamo, Kt., O.B.E., Q.C., LL.D., B.A., ceased to act as Governor-General from the time of His Excellency the Governor-General's arrival in Malta.

17th October, 1964.

[No. 562]

**Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) (No. 2) Act, 1964**

IT is notified for general information that Act No. XV of 1964, entitled the Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) (No.2) Act, 1964, is published in the Supplement to this Gazette.

20th October, 1964.

**[Nru. 563]**

**Il-Prim Imħallef Jerġa' lura għad-Doveri Tiegħu**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Unur Tiegħu l-Professur Sir Anthony Joseph Mamo, O.B.E., Q.C , B.A., LL.D., reġa' daħal għad-doveri tal-kariga ta' Prim Imħallef meta l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Ġenerali irritorna Malta fis-16 ta' Ottubru, 1964.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 543 tad-9 ta' Ottubru, 1964, ma baqgħetx isseħħ f'dan is-sens.

Il-20 ta' Ottubru, 1964.

**[No. 563]**

**Resumption of Duties by the Chief Justice**

IT is notified for general information that His Honour Professor Sir Anthony Joseph Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., has resumed the functions of the office of Chief Justice on His Excellency the Governor-General's return to Malta on the 16th October, 1964.

Government Notice No. 543 of the 9th October, 1964, ceased to be operative accordingly.

20th October, 1964.
(AG. 499/64).

**[Nru. 564]**

**Il-Viċi President tal-Qorti Kostituzzjonali Jerġa' Lura għad-Doveri Tiegħu**

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Onorevoli s-Sur Imħallef T. Gouder, LL.D., reġa' daħal għad-doveri tal-kariga ta' Viċi-President tal-Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà Tagħha fis-16 ta' Ottubru, 1964, wara li l-Unur. Tiegħu l-Prim Imħallef reġa' daħal għad-doveri tal-kariga tiegħu.

In-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 544 tad-9 ta' Ottubru, 1964, ma baqgħetx isseħħ f'dan is-sens.

L-20 ta' Ottubru, 1964.

**[No. 564]**

**Resumption of Duties by the Vice-President of the Constitutional Court**

IT is notified for general information that the Honourable Mr Justice T. Gouder, LL.D., has resumed the functions of the office of Vice-President of Her Majesty's Constitutional Court on the 16th October, 1964, on the resumption of the functions of his office by His Honour the Chief Justice.

Government Notice No. 544 of the 9th October, 1964, ceased to be operative accordingly.

20th October, 1964.
(AG 499/64)

**[Nru. 565]**

**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15)**

*Doveri ta' l-Imħallfin tal-Maestà Tagħha*

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtijin bl-artikolu 11 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kapitolu 15) u bl-artikolu 513 tal-Kodiċi Kriminali (Kapitolu 12) u, dwar il-Board ta' l-Arbitraġġ ta' l-Art, bl-artikolu 21 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Art għal Skopijiet Publiċi (Kapitolu 136), u dwar il-Board dwar il-Kumpens ta' Emerġenza, bir-regolament 59 tar-Regolamenti ta' l-1939 dwar id-Difiża ta' Malta, kif maħsuba biex iseħħu għal dan l-iskop bl-Att ta' l-1949, dwar il-Board għal Kumpens f'Emerġenza (Att Nru. XIII ta' l-1949), u, dwar it-Tribu-

**[No. 565]**

**Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 15)**

*Duties of Her Majesty's Judges*

IN exercise of the powers conferred by section 11 of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 15) and by section 513 of the Criminal Code (Chapter 12) and, as regards the Land Arbitration Board, by section 21 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 136), and, as regards the Emergency Compensation Board, by regulation 59 of the Malta Defence Regulations, 1939, as maintained in operation for this purpose by the Emergency Compensation Board (Transitional Provisions) Act, 1949, (Act No. XIII of 1949), and, as regards the Malta

nal ta' Arbitraġġ għal Malta, bl-Artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1948 dwar Konċiljazzjoni u Arbitraġġ (Att Nru. XXXVIII ta' l-1948), l-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur Ġenerali ordna li jsiru dawn l-arranġamenti li ġejjin dwar id-doveri ta' l-Imħallfin tal-Maestà Tagħha fil-Qrati Superjuri u l-Boards u Tribunal hawnhekk aktar 'il quddiem imsemmijin, b'seħħ mis-17 ta' Ottubru, 1964.

*Il-Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà Tagħha*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L. Can., LL.D., l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. H. Xuereb, LL.D., u l-Onorevoli s-Sur Imħallef A. Gauci Maistre, LL.D., joqgħdu fil-Qorti Kostituzzjonali tal-Maestà Tagħha ma' l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef u President ta' dik il-Qorti, u ma' l-Onorevoli s-Sur Imħallef T. Gouder, LL.D., Viċi-President ta' dik il-Qorti. Kull meta xi membru ta' l-imsemmija Qorti ma jkunx jista' b'liġi jew għax ikun inkapaċitat milli joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef M. Caruana Curran, B.A., LL.D., joqgħod fil-Qorti msemmija.

*Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef, J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha ma' l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef u President ta' dik il-Qorti u ma' l-Onorevoli s-Sur Imħallef T. Gouder, LL.D., Viċi-President ta' dik il-Qorti. Kull meta xi membru ta' l-imsemmija Qorti ma jkunx jista' b'liġi jew għax ikun inkapaċitat milli joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef J.H. Xuereb, LL.D., joqgħod fil-Qorti msemmija.

L-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef u President tal-Qorti ta' l-Appell joqgħod fil-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha għas-smigħ ta' appelli mill-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta fil-ġurisdizzjoni ċivili tagħha u, kull meta ma jkunx jista' b'liġi jew għax ikun inkapaċitat

Arbitration Tribunal, by section 10 of the Conciliation and Arbitration Act, 1948 (Act No. XXXVIII of 1948), His Excellency the Governor-General has directed that the following arrangements be made regarding the duties of Her Majesty's Judges in the Superior Courts and in the Boards and Tribunal hereinafter mentioned with effect from the 17th October, 1964.

*Her Majesty's Constitutional Court*

The Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., the Honourable Mr Justice J. H. Xuereb, LL.D., and the Honourable Mr Justice A. Gauci Maistre, LL.D., will sit in Her Majesty's Constitutional Court with His Honour the Chief Justice and President of that Court, and with the Honourable Mr Justice T. Gouder, LL.D., Vice-President of that Court. Whenever any member of the said Court is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice M. Caruana Curran, B.A., LL.D., will sit in the said Court.

*Her Majesty's Court of Appeal*

The Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit in Her Majesty's Court of Appeal with His Honour the Chief Justice and President of that Court and with the Honourable Mr Justice T. Gouder, LL.D., Vice-President of that Court. Whenever any member of the said Court is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice J. H. Xuereb, LL.D., will sit in the said Court.

His Honour the Chief Justice and President of the Court of Appeal will sit in Her Majesty's Court of Appeal for the hearing of appeals from the Court of Magistrates of Judicial Police for the Island of Malta in its civil jurisdiction and, whenever he is precluded by law or is incapacitated from

milli joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod minfloku.

*Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef T. Gouder, LL.D., u l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqogħdu fil-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha ma' l-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef kull meta dik il-Qorti tkun kostitwita minn tlitt Imħallfin. Kull meta xi membru tal-Qorti msemmija ma jkunx jista' b'liġi jew għax ikun inkapaċitat milli joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. H. Xuereb, LL D., joqgħod minfloku.

L-Unur Tiegħu l-Prim Imħallef jew l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod fil-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha, kull meta dik il-Qorti trid tkun kostitwita minn Imħallef wieħed.

L-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod fil-Qorti Kriminali tal-Maestà Tagħha għas-smigħ ta' l-appelli minn deċiżjonijiet tal-Qrati tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja fil-Ġurisdizzjoni Kriminali tagħhom. Kull meta ma jkunx jista' b'liġi jew għax ikun inkapaċitat milli joqgħod minħabba raġuni ta' mard jew għax ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer, l-Onorevoli s-Sur Imħallef T. Gouder, LL.D., joqgħod minfloku.

*Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha Prim'Awla*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef A. Gauci Maistre, LL.D., l-Onorevoli s-Sur Imħallef M. Caruana Curran, B.A., LL.D., u l-Onorevoli s-Sur Imħallef E. Magri, LL.D., joqogħdu fil-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha, Prim'Awla.

*Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha Sekond'Awla*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef T. Gouder, LL.D., joqgħod fil-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha, Sekond'Awla. Kull meta huwa ma jkunx jista' b'liġi jew ikun inkapaċitat milli joqgħod jew min-

sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit instead.

*Her Majesty's Criminal Court*

The Honourable Mr Justice T. Gouder, LL.D., and the Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit in Her Majesty's Criminal Court with His Honour the Chief Justice whenever that Court is to be constituted of three Judges. Whenever any member of the said Court is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice J. H. Xuereb, LL.D., will sit instead.

His Honour the Chief Justice or the Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit in Her Majesty's Criminal Court, whenever that Court is to be constituted of one Judge.

The Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit in Her Majesty's Criminal Court for the hearing of appeals from decisions of the Courts of Magistrates of Judicial Police in their Criminal Jurisdiction. Whenever he is precluded by law or is incapacitated from sitting by reason of illness or absence from these Islands, the Honourable Mr Justice T. Gouder, LL.D., will sit instead.

*Her Majesty's Civil Court First Hall*

The Honourable Mr Justice A. Gauci Maistre, LL.D., the Honourable Mr Justice M. Caruana Curran, B.A., LL.D., and the Honourable Mr Justice E. Magri, LL.D., will sit in Her Majesty's Civil Court, First Hall.

*Her Majesty's Civil Court Second Hall*

The Honourable Mr Justice T. Gouder, LL.D., will sit in Her Majesty's Civil Court, Second Hall. Whenever he is precluded by law or is incapacitated from sitting or by reason of illness or

ħabba raġuni ta' mard jew assenza minn dawn il-Gżejjer l-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod minfloku.

*Qorti Kummerċjali tal-Maestà Tagħha*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef J. H. Xuereb, LL.D., u l-Onorevoli s-Sur Imħallef A. Gauci Maistre, LL.D., joqogħdu fil-Qorti Kummerċjali tal-Maestà Tagħha.

*Board dwar l-Arbitraġġ ta' Art*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef E. Magri, LL.D., joqgħod fil-Board dwar l-Arbitraġġ ta' Art.

*Tribunal ta' l-Arbitraġġ għal Malta*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef M. Caruana Curran, B.A., LL.D., joqgħod fit-Tribunal ta' l-Arbitraġġ għal Malta.

*Board dwar il-Kumpens ta' Emerġenza*

L-Onorevoli s-Sur Imħallef J. Flores, B.L.Can., LL.D., joqgħod fil-Board dwar il-Kumpens ta' Emerġenza.

In-Notifikazzjonijiet tal-Gvern kollha ta' qabel dwar id-doveri ta' l-Imħallfin tal-Maestà Tagħha fil-Qrati, Boards u Tribunal imsemmija huma b'din ikkanċellati.

L-20 ta' Ottubru, 1964.

absence from these Islands the Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit instead.

*Her Majesty's Commercial Court*

The Honourable Mr Justice J. H. Xuereb, LL.D., and the Honourable Mr Justice A. Gauci Maistre, LL.D., will sit in Her Majesty's Commercial Court.

*Land Arbitration Board*

The Honourable Mr Justice E. Magri, LL.D., will sit in the Land Arbitration Board.

*Malta Arbitration Tribunal*

The Honourable Mr Justice M. Caruana Curran, B.A., LL.D., will sit in the Malta Arbitration Tribunal.

*Emergency Compensation Board*

The Honourable Mr Justice J. Flores, B.L. Can., LL.D., will sit in the Emergency Compensation Board.

All previous Government Notices relating to the duties of Her Majesty's Judges in the said Courts, Boards and Tribunal are hereby cancelled.

20th October, 1964.
(AG. 499/64)

## AVVIŻ

### Eżami tar-Royal Society of Arts Għid 1965

Kandidati, illi bi ħsiebhom joqogħdu għall-eżami msemmi hawn fuq, huma avżati illi applikazzjonijiet jiġu milqugħin mir-Reġistratur ta' l-Eżamijiet fil-Fergħa ta' l-Eżamijiet, 31, Triq Nofs in-Nhar, Il-Belt Valletta, minn nhar it-Tnejn, it-30 ta' Novembru sa nhar is-Sibt, it-12 ta' Diċembru, 1964.

Dettalji rigward drittijiet u suġġetti disponibbli fis-Sessjoni tal-Għid jistgħu jiġu akkwistati mill-Fergħa ta' l-Eżamijiet.

L-20 ta' Ottubru, 1964.

S. GATT,
*A/Direttur ta' l-Edukazzjoni.*

## NOTICE

### Royal Society of Arts Examination Easter 1965

Candidates intending to sit the above Examination are notified that applications will be received by the Registrar of Examinations at the Examinations Branch, 31, South Street, Valletta as from Monday 30th November up to Saturday 12th December 1964.

Details regarding fees and subjects available at the Easter Session may be obtained from the Examinations Branch

20th October, 1964.

S. GATT,
*A/Director of Education.*

## KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU, MALTA

### Post ta' Lecturer fil-Kummerċ fil-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tirċievi applikazzjonijiet għall-post ta' *Lecturer* fil -Kummerċ fil-Kulleġġ ta' hawn fuq tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. L-applikazzjonijiet, illi magħhom għandhom jintbagħtu ċertifikati tat-twelid u tal-kondotta mingħand il-pulizija u dokumenti dwar il-kwalifiki u l-esperjenza, jirċivihom primarjament id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, 141, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta, mhux aktar tard minn nofs in-nhar tat-Tlieta, l-10 ta' Novembru, 1964.

2. Flimkien ma' applikazzjoni illi tinkludi kampjun tal-kalligrafija tal-kandidat stess, sitt kopji ta' sommarju tal-kwalifiki, l-esperjenza u tagħrif ieħor għandhom jiġu tabulati fuq formola speċjali (M.C.A.S.T., 95) illi tiġi akkwistata billi tintalab mill-Uffiċċju ta' l-Edukazzjoni.

3. Il-post ta' *Lecturer* huwa fuq l-Istabbiliment Pensjonabbli u għandu salarju ta' £980 fis-sena illi jitla' b'żidiet fis-sena ta' £30 sa £1010. Is-salarju minimu huwa marbut ma' erba' snin esperjenza relevanti f'istituzzjoni magħrufa u/jew esperjenza industrjali (ta' l-aħħar wara l-21), it-tnejn f'livell adattat. Erba' snin esperjenza relevanti mhix kwalifika indispensabbli, iżda kandidat illi jingħażel u li jkollu anqas minn erba' snin esperjenza relevanti jirċievi salarju anqas mill-minimu avżat b'kemm żidiet jikkorespondu man-numru ta' snin illi huma anqas minn erba' snin. Kandidata titħallas b'erba' minn kull ħamsa mir-rati speċifikati hawn fuq u tkun trid tiddimetti mill-kariga tagħha meta tiżżewweġ.

4. Dak illi jiġi nominat ikun uffiċjal *full-time* u n-nomina illi hija soġġetta għall-konferma wara illi tgħaddi sena hija soġġetta għar-regoli u r-regolamen-

## PUBLIC SERVICE COMMISSION, MALTA

### Lecturing Post in Commerce in the Malta College of Arts, Science and Technology

The Public Service Commission invites applications for the post of Lecturer in Commerce in the above College of the Department of Education. Applications which must be accompanied by certificates of birth and of police conduct and testimonials relating to qualifications and experience, will be received in the first instance by the Director of Education, 141, St. Christopher's Street, Valletta, not later than noon of Tuesday, 10th November, 1964.

2. In adition to an application including a sample of the candidate's own handwritting, six copies of a summary of qualifications, experience and other information should be tabulated in a special form (M.C.A.S.T., 95) obtainable from the Education Office on request.

3. The post of Lecturer is on the Pensionable Establishment and carries a salary of £980 per annum rising by annual increments of £30 to £1010. The minimum salary is linked with four years relevant experience in a recognised institution and/or industrial experience (the latter after age 21), both at appropriate level. Four years relevant experience is not an indispensable qualification, but a successful candidate who has less than four years relevant experience would receive a salary less than the advertised minimum by so many increments as correspond to the number of years as are less than four years, A female candidate will be paid at four-fifths of the rates specified above and will be required to resign her appointment on marriage.

4. The appointee will be full-time officer and the appointment which is subject to confirmation after the lapse of one year is subject to the rules and

ti illi jikkontrollaw minn żmien għal żmien is-Servizz Ċivili ta' Malta u l-uffiċjal jista' jiġi trasferit skond l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku. Xi parti mid-dover normali tat-tagħlim jista' jkun fil-għaxija.

5. L-applikanti jridu:—

(i) joffru mill-anqas tnejn mis-suġġetti illi ġejjin:—

(a) *Accountancy;* (b) Elementi ta' l-Istatistika: (ċ) Organizzazzjoni Industrjali; (d) Ġografija Ekonomika; (e) Prattika Segretarjali.

L-applikanti għandhom iniżżlu b'mod ċar liema tnejn (jew iżjed) mis-suġġetti fil-lista, huma qegħdin joffru.

Il-kwalifika minima hija *good honours degree* ta' Università magħrufa jew kwalifiki professjonali ekwivalenti.

Xi esperjenza ta' negozju hija mistennija, u esperjenza ta' tagħlim hija mixtieqa.

(ii) jkollhom mill-anqas 23 sena fl-1 ta' Ottubru, 1964.

(iii) jkunu ta' karattru morali tajjeb;

(iv) jkunu ħielsa minn kull difett fiżiku jew mentali jew mard illi jista' jfixkilhom fil-qadi sewwa tad-doveri tagħhom;

(v) jkunu ċittadini ta' Malta.

6. Ma jiġux ikkunsidrati l-applikazzjonijiet ta' kandidati illi ma jattendux għall-intervista jekk u meta jkunu mitluba jagħmlu hekk. Kandidati illi ma jkollhomx il-ħtiġiet minimi għan-nomina ma jiġux intervistati.

L-20 ta' Ottubru, 1964.

H. MILLER,
*Segretarju,*
*Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku.*

regulations governing from time to time the Malta Civil Service and involves liability to transfer according to the exigencies of the Public Service. Some part of the normal teaching assignment be in the evening.

5. Applicant should:—

(i) offer at least two of the following subjects:—

(a) Accountancy; (b) Elements of Statistics; (c) Industrial Organization; (d) Economic Geography; (e) Secretarial Practice.

Applicants should state clearly which two (or more) of the subjects listed, they are offering.

The minimum qualification is a good honours degree of a recognised University or equivalent professional qualifications.

Some business experience is expected, and teaching experience is desirable:—

(ii) be at least 23 years of age on the 1st October, 1964.

(iii) be of good moral character;

(iv) be free from any physical or mental defect or disease likely to interfere with the proper performance of their duties;

(v) be citizens of Malta

6. The applications of candidates who do not attend for interview if and when required to do so will not be considered. Candidates who are not in possession of the minimum requirements for appointment will not be interviewed.

20th October, 1964.

H. MILLER,
*Secretary,*
*Public Service Commission*

## INTERNAL COMPETITION FOR PROMOTION TO STORE OFFICER 2nd CLASS, MAY/JUNE, 1964.

| Index No. | NAME | | Paper I | Paper II | Paper III | Oral | Marks for Service | Total | Order of Merit |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | *Max.* | 100 | 100 | 100 | 30 | 60 | 390 | |
| | | *Min.* | 50 | 50 | 50 | — | — | 150 | |
| 1 | Aquilina Albert ... | ... | 60 | 93 | 54 | 25 | 2 | 234 | 6th |
| 2 | ... ... ... | ... | 24 | 56 | 16 | ... | ... | ... | ... |
| 3 | ... ... ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... |
| 4 | ... ... ... | . | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... |
| 5 | ... ... ... | ... | 17 | 31 | 52 | ... | ... | ... | ... |
| 6 | Sperandeo John A. .. | ... | 50 | 69 | 70 | 17 | 10 | 216 | 7th |
| 7 | ... ... ... | ... | 41 | 36 | 22 | ... | ... | ... | ... |
| 8 | Tanti Joseph ... | ... | 64 | 82 | 80 | 23 | 24 | 273 | 2nd |
| 9 | Zammit Paul ... | ... | 67 | 83 | 70 | 22 | 10 | 252 | 4th |
| 10 | ... ... ... | .. | 16 | 20 | 38 | ... | ... | ... | ... |
| 11 | ... ... ... | ... | 17 | 18 | 13 | ... | ... | ... | ... |
| 12 | ... ... ... | ... | 22 | 43 | 57 | ... | ... | ... | ... |
| 13 | ... ... | ... | 21 | 43 | 28 | ... | ... | ... | ... |
| 14 | Ferrando Anthony ... | ... | 68 | 74 | 91 | 22 | 24 | 279 | 1st |
| 15 | ... ... ... | ... | 17 | 38 | 18 | ... | ... | ... | ... |
| 16 | ... ... ... | ... | 40 | 76 | 35 | ... | ... | ... | ... |
| 17 | ... ... ... | ... | 10 | 36 | 32 | ... | ... | ... | ... |
| 18 | Cefai John L. ... | ... | 59 | 88 | 70 | 19 | 24 | 260 | 3rd |
| 19 | ... ... ... | ... | 13 | 43 | 35 | ... | ... | ... | ... |
| 20 | Cini Joseph ... ... | ... | 77 | 72 | 75 | 20 | 6 | 250 | 5th |
| 21 | ... ... ... | .. | 14 | 50 | 65 | ... | ... | ... | ... |
| 22 | ... ... .. | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... | ... |

A. Paris
Minister of Education

C.J. Mallia
Under Secretary (Ests)

J.P. Vassallo
Director of Education

F. Attard
Registrar of Examinations

30th June, 1964

---

### Radd ta' Flus b'Kuxjenza

L-Accountant Ġenerali jgħarraf li waslitlu s-somma ta' lira (£1) fit-13 ta' Ottubru, 1964, bħala "Radd ta' Flus b'Kuxjenza".

L-20 ta' Ottubru, 1964.

### Conscience Money

The Accountant General acknowledges the receipt of the sum of one pound (£1) on the 13th October, 1964, as "Conscience Money".

20th October, 1964.

DEPARTMENT OF EMIGRATION, LABOUR AND SOCIAL WELFARE
Dipartiment ta' l-Emigrazzjoni, Xogħol u Għajnuna Soċjali

REGISTRATIONS UNDER PART I OF THE REGISTER OF APPLICANTS FOR EMPLOYMENT—SEPTEMBER, 1964

*Reġistrazzjonijiet taħt l-Ewwel Parti tar-Reġistru ta' l-Applikanti għax-Xogħol — SETTEMBRU, 1964*

REGISTERED UNEMPLOYED
*Nies Qiegħda Irreġistrati*

| | | August Awissu 1964 | September Settembru 1964 | Increase (+) or Decrease (—) at September compared with August Żieda (+) jew Nuqqas (—) Settembru mxebbaħ ma' Awissu |
|---|---|---|---|---|
| Men—Irġiel | Malta ... | 3,222 | 3,415 | + 193 |
| | Gozo ... | 314 | 314 | — |
| Boys—Subien | Malta ... | 1,209 | 1,238 | + 29 |
| | Gozo ... | 145 | 145 | — |
| Women—Nisa | Malta ... | 1,634 | 1,666 | + 32 |
| | Gozo ... | 286 | 283 | — 3 |
| Total ... ... ... ... | | 6,810 | 7,061 | + 251 |

ANALYSIS BY OCCUPATION
*Analisi bl-okkupazzjoni*

| Occupational Groups— Gruppi skond l-okkupazzjoni | Men—Irġiel | | Boys—Subien | | Women—Nisa | | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Malta Malta | Gozo Għawdex | Malta Malta | Gozo Għawdex | Malta Malta | Gozo Għawdex | |
| Clerical, Executive and Managerial Skrivani, Esekutivi u Managers | 182 | 14 | 113 | 19 | 283 | 5 | 616 |
| Supervisory—Suprastant ... ... | 348 | 26 | 17 | 3 | 28 | 5 | 427 |
| Technological and Professional— Teknoloġiċi u Professjonisti ... | 8 | — | — | — | — | — | 8 |
| Miscellaneous Non-Manual— Oħrajn mhux Manwali ... ... | 97 | 6 | 70 | 3 | 117 | 9 | 362 |
| Skilled-Construction Tas-Sengħa—Bini ... ... ... | 412 | 43 | 68 | 9 | — | — | 532 |
| Metal Working-Xogħol tal-Metall | 144 | 2 | 171 | 2 | — | — | 319 |
| Woodworking-Xogħol ta' l-Injam | 197 | 5 | 136 | 5 | — | — | 343 |
| Printing—Stampa ... ... | 14 | 1 | 7 | — | — | — | 22 |
| Textile—Drappijiet... ... ... | 40 | 1 | 17 | — | 89 | 6 | 153 |
| Food Preparation— Preparazzjoni ta' l-Ikel ... | 79 | 1 | 10 | — | 4 | — | 94 |
| Miscellaneous—Oħrajn ... ... | 352 | 14 | 32 | 2 | 6 | — | 406 |
| Domestic—Sefturi ... ... ... | 78 | 4 | 21 | 7 | 50 | 17 | 177 |
| Labouring—Labourers ... ... | 1,442 | 184 | 564 | 83 | 1,029 | 241 | 3,543 |
| Agricultural—Tal-Biedja ... ... | 22 | 13 | 12 | 12 | — | — | 59 |
| Total | 3,415 | 314 | 1,238 | 145 | 1,666 | 283 | 7,061 |

L-20 ta' Ottubru, 1964.
20th October, 1964.

J. ROSSIGNAUD,
*Director of Emigration, Labour and Social Welfare.*
*Direttur ta' l-Emigrazzjoni, xogħol u Għajnuna Soċjali.*

# HOSPITALS FOR MENTAL DISEASES

**Tables showing the movement of the Hospital Population during the quarter ended 30th September, 1964**

## MALTA

| | *Males* | *Females* | *Total* | *Males* | *Females* | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| On the Hospital Registers 30th June, 1964 | 488 | 485 | 973 | | | |
| Admissions:— (Certificated ... ... ... | 37 | 30 | 67 | | | |
| (Voluntary ... ... ... | 7 | 14 | 21 | | | |
| Re-transferred from other hospitals . .. | 8 | 6 | 14 | | | |
| Total cases under treatment ... .. ... | | | | 535 | 534 | 1,069 |
| Discharges:— | | | | | | |
| Not insane ... ... ... ... .. ... | 1 | — | 1 | | | |
| Recovered ... ... ... ... ... ... | 2 | — | 2 | | | |
| Relieved ... ... ... ... ... ... | 15 | 16 | 31 | | | |
| Not improved ... ... ... ... ... | 13 | 12 | 25 | | | |
| Not requiring hospital treatment ... ... | 3 | 1 | 4 | | | |
| To H.M.D. Gozo ... ... .. ... ... | — | — | — | 34 | 29 | 63 |
| Transferred (temporarily) to other hospitals ... ... ... ... ... ... | | | | 5 | 7 | 12 |
| Deaths ... ... ... ... ... ... ... . ... ... ... | | | | 6 | 2 | 9 |
| Total discharges, transfers and deaths ... ... ... ... ... ... | | | | 45 | 38 | 83 |
| On the Hospital Registers, 30th September, 1964... ... ... ... ... | | | | 490 | 496 | 986 |
| Average daily number on the Registers ... ... ... ... ... | | | | 490 | 488 | 978 |

Certified patients (i.e., separate persons in contradistinction to "Cases" which may include the same individual more than once):—

| | *Males* | *Females* | *Total* |
|---|---|---|---|
| Under treatment during the quarter . ... .. ... ... | 535 | 534 | 1,069 |
| Admitted ... ... ... ... . ... ... .. ... ... | 39 | 41 | 80 |
| Recovered ... ... ... ... ... ... ... ... ... ... | 2 | — | 2 |

## GOZO

| | *Males* | *Females* | *Total* | *Males* | *Females* | *Total* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| On the Hospital Registers 30th June, 1964 ... | 78 | 64 | 142 | | | |
| Admissions:— | | | | | | |
| From H M D. Malta ... ... ... .. ... | — | — | — | | | |
| Provisional (a) ... ... ... ... ... | 5 | — | 5 | | | |
| Re-transferred from other hospitals .. ... | — | — | — | | | |
| Total cases under treatment ... ... ... ... ... ... ... | | | | 83 | 64 | 147 |
| Discharges:— | | | | | | |
| To H.M.D. Malta ... ... ... ... ... ... ... ... ... | | | | 5 | — | 5 |
| Transferred (temporarily) to other hospital ... ... ... ... ... | | | | — | — | — |
| Deaths ... . ... ... ... ... ... ... ... ... | | | | — | 2 | 2 |
| Total discharges, transfers and deaths ... ... ... ... ... ... | | | | 5 | 2 | 7 |
| On the Hospital Registers, 30th September, 1964 ... ... ... ... | | | | 78 | 62 | 140 |
| Average daily number on the Registers ... ... ... ... ... | | | | 80 | 60 | 140 |

(a) Urgent Cases from Gozo. who for unavoidable circumstances could not be remitted directly to the Hospital for Mental Diseases—Malta.

20th October, 1964.

J. ATTARD,
*f/Chief Government Medical Officer*

## UFFIĊJU ĊENTRALI TA' L-ISTATISTIKA — CENTRAL OFFICE OF STATISTICS

RAPPORT LI JURI N-NUMRU TOTALI U T-TUNNELLAĠĠ NETT TA' VAPURI LI WASLU U TELQU MINN MALTA MATUL IL-ĠIMGĦA LI GĦALQET FL-4 TA' SETTEMBRU, 1964

STATENENT SHOWING THE TOTAL NUMBER AND NET TONNAGE OF SHIPS THAT ARRIVED AT AND DEPARTED FROM MALTA DURING WEEK ENDING 4th SEPTEMBER, 1964

| PAJJIŻ TAN-NAZZJONALITA *COUNTRY OF NATIONALITY* | WASLU *ARRIVALS* | | | | TELQU *DEPARTURES* | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Fuq 250 tunnellata *Above 250 Tons* | | Ta' 250 Tunnellata u taħthom *250 Tons and under* | | Fuq 250 Tunnellata *Above 250 Tons* | | Ta' 250 Tunnellata u taħthom *250 Tons and under* | |
| | Nru. *No.* | Tunnellaġġ *Tonnage* | Nru. *No.* | Tunnellaġġ *Tonnage* | Nru. *No.* | Tunnellaġġ *Tonnage* | Nru. *No.* | Tunnellaġġ *Tonnage* |
| Renju Unit — United Kingdom | 9 | 61,368 | 3 | 100 | 5 | 21,591 | 1 | 2 |
| Malta—Malta ... ... | — | — | 3 | 170 | 1 | 266 | 1 | 132 |
| Belġju—Belgium ... | — | — | 1 | 18 | — | — | 1 | 18 |
| Ethiopia—Ethopia ... | — | — | 1 | 235 | — | — | 1 | 235 |
| Ġermanja P.-W. Germany | 1 | 1,460 | — | — | 1 | 1,460 | 1 | 226 |
| Ġermanja L.-Germany E. | 1 | 4,700 | — | — | 1 | 4,700 | — | — |
| Greċja—Greece ... | — | — | — | — | 1 | 10,928 | — | — |
| Hungary—Ungerija ... | 2 | 1,173 | — | — | 2 | 1,173 | — | — |
| Iżrael—Israel ... | 2 | 2,878 | — | — | 2 | 2,878 | — | — |
| Italja—Italy ... ... | 5 | 6,518 | 6 | 538 | 6 | 7,209 | 9 | 712 |
| Liberja—Liberia ... | 2 | 54,098 | — | — | 2 | 19,426 | — | — |
| Olanda—Netherlands ... | 2 | 6,018 | 1 | 93 | 2 | 6,018 | — | — |
| Norveġja—Norway ... | 1 | 1,897 | — | — | 3 | 27,645 | — | — |
| Panama—Panama ... | — | — | — | — | 2 | 7,361 | — | — |
| Spanja—Spain... ... | 1 | 8,268 | — | — | 1 | 8,268 | — | — |
| Svezja—Sweden ... | 1 | 1,046 | — | — | 1 | 1,046 | — | — |
| U.S.A.—U.S.A. ... | — | — | 1 | 128 | — | — | — | — |
| Jugoslavja—Yugoslavia | — | — | 4 | 655 | 1 | 473 | 3 | 504 |
| Total .. | 27 | 149,424 | 20 | 1,937 | 31 | 127,442 | 17 | 1,829 |

RAPPORT LI JURI N-NUMRU U T-TUNNELAĠĠ TA' AJRUPLANI LI WASLU U TELQU MINN MALTA MATUL IL-ĠIMGĦA LI GĦALQET FL-4 TA' SETTEMBRU, 1964

STATEMENT SHOWING THE TOTAL NUMBER AND TONNAGE OF AIRCRAFT WHICH ARRIVED AT AND DEPARTED FROM MALTA DURING WEEK ENDING 4th SEPTEMBER, 1964

| PAJJIŻ TAN-NAZZJONALITA *COUNTRY OF NATIONALITY* | WASLU *ARRIVALS* | | TELQU *DEPARTURES* | |
|---|---|---|---|---|
| | Numru *Number* | Tunnellaġġ *Tonnage* | Numru *Number* | Tunnellaġġ *Tonnage* |
| Renju Unit—United Kingdom ... ... ... | 43 | 1978.1 | 43 | 1978.1 |
| Awstralja—Australia ... ... ... ... ... | 1 | 115.2 | 1 | 115.2 |
| Pakistan—Pakistan ... ... ... ... ... | 1 | 3.6 | 1 | 3.6 |
| Italja—Italy ... ... ... ... ... ... | 4 | 164.4 | 4 | 164.4 |
| Olanda—Netherlands ... ... ... ... ... | 1 | 21.4 | 1 | 21.4 |
| Total ... | 50 | 2282.7 | 50 | 2282.7 |

L-20 ta' Ottubru, 1964.
20th October, 1964.

M. ABELA,
*Statistiku Prinċipali tal-Gvern.*
*Principal Government Statistician.*

## AVVIZI TAL-PULIZIJA

[Nru 144]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13), il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan igħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmijin hawn taħt fid-data indikata minħabba Xogħlijiet Urġenti ta' l-Ilma.

IS-SIGGIEWI

Mill-20 ta' Ottubru, 1964, sal-20 ta' Diċembru, 1964, minn Triq San Nikola, Triq id-Dejqa u Triq il-Kbira.

L-20 ta' Ottubru, 1964.

V. de GRAY,
*Kummissarju tal-Pulizija*

[Nru. 145]

Bis-saħħa ta' l-artikolu 81 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kapitolu 13), il-Kummissarju tal-Pulizija b'dan igħarraf illi l-vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu minn Triq it-Teatru l-Qadim, bejn Triq Irjali u Triq l-Ifran, Il-Belt Valletta, għal perijodu ta' jumejn mit-22 ta' Ottubru, 1964, minħabba xogħlijiet ta' l-ilma.

L-20 ta' Ottubru, 1964.

V. de GRAY,
*Kummissarju tal-Pulizija*

## POLICE NOTICES

[No. 144]

